MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 95/2011

**Joseph u Patricia konjugi Borg**

**Vs**

**Villas Malta Services Limited**

Il-Qorti,

Rat illi fir-rikors guramentat gie premess is-segwenti :

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru tnejn u sittin (62), Bejta tal-Gamiem, Triq il-Knisja, Zebbug, Ghawdex.

Illi s-socjeta' konvenuta hi debitrici fil-konfront ta' l-atturi ghas-somma kumplessiva ta' tlettax-il elf, tliet mija u sitta u ghoxrin ewro (€13,326) u dana rapprezentanti hlasijiet ta' kirjiet dovuti mill-istess socjeta' konvenuta u dovuti inkwantu ghas-somma ta' sebat elef, tliet mija u sitt ewro

(€7,306) ammont bilancjali dovut ghas-sena 2010 u ammont ta’ tlett elef mija u hamsin ewro (€3,150) rapprezentanti l-hlas ta’ tliet kirjiet ghas-sena 2011 kif ser jigi pruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza u kif spjegat fl-anness Dokument A sa D;

Illi nonostanti diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ghaldaqstant kellha tigi adottata din il-procedura.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici fil-konfront tal-atturi fis-somma komplessiva ta’ tlettax-il elf, tliet mija u sitta u ghoxrin ewro (€13,326) u dan kif spjegat hawn fuq;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont ta’ tlettax-il elf tliet mija u sitta u ghoxrin ewro (€13,326) flimkien mal-imghax relattiv mid-dati tal-iskadenzi sal-hlas effettiv;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru (kawtelatorju) fl-ismijiet Joseph Borg et vs Villas Malta Services Limited (217/11PC) kontra s-socjeta’ konvenuta.

Bl-ingunzjoni tal-istess socjeta’ konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija ngunta.

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati u li ma pprezentaw l-ebda risposta guramentata u ghaldaqstant jinsabu fi stat ta’ kontumacja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li fis-seduta tat-23 ta’ Ottubru, 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-premessi fir-rikors promotur, minn dak li rrizulta mix-xhieda u dokumenti jirrizulta li l-atturi fethu l-kawza odjerna sabiex permezz taghha jitolbu minghand is-socjeta’ konvenuta l-hlas lura tal-ammont minnhom pretiz flimkien mal-imghax rapprezentanti hlas ta’ kera ta’ farmhouse li ghandhom l-atturi.

Illi s-socjeta’ konvenuta hija fi stat ta’ kontumacja. Madankollu kif inhu maghruf l-istat tal-kontumacja ma jirrapprezentax ammissjoni izda opposizzjoni ghat-talbiet attrici u huwa l-oneru tar-rikorrenti li jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom.

Illi f’dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tghaddi ghas-sentenza fuq il-mertu minghajr ma tissolleva formalment il-kwistjoni jekk din il-Qorti ghandhiex il-kompetenza *rationae materiae* tiddeciedi dwar l-istess mertu u dan abbazi ta’ l-artikolu 1525 tal-Kodici Civili li jistipula s-segwenti:

*“Il-Bord li Jirregola l-Kera ghandu kompetenza esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma’ kirjiet ta’ fondi urbani u ta’ dar ta’ abitazzjoni u ta’ fond kummercjali. Kirjiet ohra jaqgħu taht il-kompetenza tal-Qrati ta’ Gurisdizzjoni Civili u fil-kaz ta’ raba’ taht il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’.”*

Illi kif inhu maghruf l-eccezzjoni ta’ inkompetenza tista’ titqajjem *ex officio* peress li din hija kwistjoni ta’ ordni pubbliku.

Din il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li l-atturi jinghataw l-opportunita’ li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-istess.

Ghaldaqstant, filwaqt li tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza qeghda taghti terminu ta’ tletin (30) jum lill-atturi millum sabiex ikunu jistghu jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet dwar jekk din il-Qorti hiex kompetenti *rationae materiae* li tiddeciedi l-kwistjoni odjerna u tiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta’ April 2013.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------